MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 768/2000/1

**Molinair Limited**

**vs**

**Phyllisianne Brincat f'isimha proprju u ghan-nom tad-ditta Dallas Productions**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Gunju, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta fil-kwalita' taghha premessa thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u seba' u hamsin lira (Lm257) rapprezentanti valur ta' bejgh u konsenja ta' numru ta' medalji u "trophies".

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-merce sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1. In linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju l-ammont mitlub ghandu jigi mnaqqas b’ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) kreditu dovut mis-socjeta’ attrici lill-eccipjenti, kif jirrizulta mit-trattazzjoni.

3. Illi l-eccipjenti m’ghandhiex ghalhekk tbati spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta qieghdha tinvoka favur taghha l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili li jippreskrivi terminu ta’ tmintax-il xahar ghall-azzjoni attrici.

Irrizulta mill-provi illi fi tlett okkazzjonijiet fil-11 ta’ Settembru 1998, 24 ta’ Settembru 1998 u okkazzjoni ohra fl-istess data, l-konvenuta xtrat *trophies* u oggetti ohra minghand is-socjeta’ attrici. Ghamlet pagament ta’ tlett mitt lira (Lm300) fil-11 ta’ Frar 1999, ghalhekk it-terminu preskrittiv jibqa’ ghaddej minn din l-ahhar data.

Irrizulta illi l-avviz bhala l-ewwel att gudizzjarju gie pprezentat fit-12 ta’ Gunju, 2000 li allura jpoggi l-azzjoni attrici entro t-terminu ta’ tmintax-il xahar kif preskritt bl-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili. Ghalhekk l-azzjoni attrici hija pprezentata fit-terminu u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta tisthoq li tkun michuda.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni, l-konvenuta qieghdha tghid illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici

ghandu jkun pacut ma' mitejn u hamsin lira (Lm250) *sponsorship* li kienu weghduha meta xtrat it-*trophies* minghandhom.

Irrizulta mill-provi illi d-diretturi tas-socjeta' attrici kollha nnegaw illi taw dan l-*sponsorship,* izda l-konvenuta baqghet tinsisti illi hekk kien il-kaz. Fix-xhieda taghha a fol 23 qalet illi meta semmiet il-kwistjoni ta' l-*sponsorship* mad-diretturi tas-socjeta' attrici, dawna mal-ewwel innegaw illi tawha dawn il-facilitajiet, ghalhekk f'dan l-istadju tqum kwistjoni legali dwar l-operazzjoni ta' tpacija fil-kuntest ta' l-artikoli 1196 (1)(2), u l-artikolu 1197 tal-Kodici Civili.

Dak ta' l-ewwel ighid *"meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija"*, sub-inciz tnejn *"it-tpacija ssir "ipso jure" wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs".*

L-artikolu 1197 ikompli *"t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci li jkunu t-tnejn likwidi u li jkunu jistghu jintalbu."*

Din ir-regola hija wahda li taghmilha cara li biex it-tpacija tista tapplika, jrid ikun hemm element ta' certezza u ezattezza fiz-zewgt idjun, ifisser li jekk hemm xi dubbju dwar l-ammont ta' dejn jew it-tip, it-tpacija ma tistax issir. Hu ormai rikonoxxut mill-gurisprudenza taghna, illi tpacija ma tista qatt tigi accettata meta jkun hemm xi dubbju jew inkella parti mid-dejn ikun kontestat.

Fil-kawza fl-ismijiet *Carm Lino Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici* deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 1988, il-Qorti qalet fost affarijiet ohra li *"ma tistax issir tpacija meta d-dejn li qieghed jallega li ghandu favur tieghu l-konvenut, mhux likwidu u esegwibbli jew ta' l-inqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqas ma tista topera "ipso jure" jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra"* (ara wkoll *Anastasi vs Dikson* deciza mill-Prim Awla fit-3 ta' Novembru 1982 u *Joseph Rosso noe vs Fibermar*

*Limited* deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta’ Gunju, 2002).

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta ampjament ippruvat illi d-diretturi tas-socjeta’ attrici mhumiex qeghdin jirrikonoxxu li taw xi facilita’ ta’ *sponsorship* lill-konvenuta. Tant hu hekk illi anke maghha kif dan is-suggett tqajjem, mall-ewwel urew l-opposizzjoni taghhom. Minn nahha l-ohra, l-konvenuta taf li ma kien hemm l-ebda kitba bejniethom (fol 23) u l-unika prova li ghandha huwa l-logo u l-board li hija ghamlet taht il-mejda tat-*trophies.* Din mhijiex prova illi l-*sponsorship* gie fil-fatt ipprovdut u l-konvenuta ma tistax issib konfort bix-xhieda moghtija minnha meta hija kontrastata daqshekk mis-socjeta’ attrici. Kif jghallem id-dritt Ruman *“ex nudo pacto non oritur actio”.*

Ghalhekk f’din is-sitwazzjoni, t-tpacija ma tistax topera u l-konvenuta m’ghandhiex triq ohra ladarba ma kkontestatx il-*“quantum”,* illi thallas dak mitlub mis-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuta fil-kwalita’ taghha premessa li thallas is-somma ta’ mitejn u seba’ u hamsin lira (Lm257) rapprezentanti valur ta’ bejgh u konsenja ta’ numru ta’ medalji u “trophies”.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------